No: 103 MARZU 2012 - MEJJU 2012 VO/0015

NEWSPAPER POST

# IL-MISSJUNARJU



EDITORJAL

Għeżież Membri u Ko-operaturi,

**Kull nisrani huwa mistieden li jkun missjunarju.**

X'aktarx naħsbu li r-responsabilita' li nxerrdu l-Kelma t'Alla tieqaf mar-reliġjuż/a. Pero' aħna għandna ngħinu b'kull mod possibli biex dan iseħħ. Aħna, il-membri tal-Mission Fund, inħossuna iktar qrib il-Missjunarji, għaliex interessati li nkunu nafu dejjem iżjed mill-aħbarijiet li naqsmu flimkien. Il-Missjunarju li jitlaq lil pajjiżu u lil familtu biex ikun jista' jwassal il-Kelma t' Alla b'ħidmitu sa truf id-dinja u jfittex li jagħmel dan fl-iktar pajjiżi foqra. Huwa ta' faraġ kbir li l-Missjunarju jħossu mwennes billi jkun jaf li hemm min qiegħed jissapportjah bit-talb u bil-fondi. Għalhekk jekk aħna almenu nkunu konxji minn dak il-Missjunarju li qiegħed il-bogħod, jew nagħmlu ħilitna biex nagħtuh daqqa t'id, inkunu wkoll qed nagħmlu missjoni. Il-benefatturi huma parti integrali mill-proġett ta' Alla li jwassal il-Kelma permezz ta' persuni li jħallu kollox warajhom u b'għemilhom u bl-eżempju tagħhom ikunu xhieda.

Qegħdin fi żmien ir-Randan u l-kattoliku jħoss il-bżonn li jagħmel sagrifiċċji biex iħossu parti mit-tbatija ta' Kristu. **Mother Teresa tgħid li min iħobb, jagħti sakemm iweġġa'.**

Bħal ma tafu għal dawn l-aħħar 20 sena l-Mission Fund qiegħda tibgħat grupp ta' voluntiera kull sena fuq proġetti diversi, biex bil-ħila tagħhom u bil-ġenerożita' ta' ħidmithom jibnu skejjel, djar, sptarijiet, swali parrokkjali, fish farms eċċ. B'dan i`l-mod jgħinu wkoll billi jgħallmu s-sengħa lin-nies tal-lokal fejn isir il-proġett, biex ikunu kapaċi jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa. Din is-sena grupp ieħor sejjer l-Indja, fuq proġett mitlub mill-missjunarja Marcette Buttiġieg. Il-grupp diġa' qed jiġi ppreparat. Dawn jaħdmu qatieh biex jirnexxielhom jiġbru l-fondi li hemm bżonn għall-proġett, barra l-fatt li huma jridu jħallsu l-passaġġ tagħhom.

Il-Mission Fund għandu diversi skemi kif wieħed jista` jghin: **Benefattur-Sostenitur** (billi wieħed jikkommetti ruħu li jagħti somma ta' flus fis-sena), **Self mingħajr imgħax** (wieħed jislifna somma flus li l-interessi tagħha jibqgħu għall-Mission Fund), **Wirt** (li jitħalla fit-testment lil-Mission Fund) u **Donazzjonijiet** (quddies għall-erwieħ ta' ħbieb u qraba). Wieħed jista wkoll jieħu sehem f'attivitajiet bħal **Bazaars, Tea Tombola u Buffet Breakfast** jew jorganizza xi ħaġa hu stess bil-ħsieb li jiġbor fondi. Per eżempju wieħed ma jqassamx souvenirs waqt it-tieġ / preċett u minflok jagħmel donazzjoni, jew jiċċelebra xi anniversarju u jitlob li flok rigali jingħataw flus lill-Mission Fund. Jekk ikun ser isir xi ġbir wieħed għandu jitlobna ittra ta' approvazzjoni għas-soddisfazzjon tad-donaturi. Nixtiequ niġbdu l'attenzjoni tagħkom li l-Mission Fund ma tibgħatx nies jiġbru bieb bieb.

**Kull min jgħin lill-Missjoni, il-Mulej jirrendilu.** Speranza Xuereb

❖ **Għal darba oħra l-Mission Fund tistiednek tattendi għal Buffet Breakfast, San Antonio Hotel, Qawra, fit-22 ta' Marzu 2012. Għal aktar dettallji ċempel l-uffiċċju 21413664 jew lil Charles Decelis 21575351 / 99885078.**

Address: Eureka Court, Block A Flat 6; Main Street, Mosta MST 1018 • Opening Hours: Mon–Fri 9am –1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 – 24-hr Answering Machine Service • Website: www.missionfund.org.mt • E-mail: missionfund@global.net.mt
Il-Mission Fund hija reġistrata bħala organizzazzjoni filantropika skont l-Att ta' l-2007 dwar l-Organizzazzjonijiet Voluntarji - Reg.N⁰- VO/0015

**DONAZZJONIJIET LI NTBAGĦTU LILL-MISSJUNARJI BEJN SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2011**

1. **Sr. Francisca Cachia (BRAZIL)**
Towards the needs for the poor. €1,500

2. **Sr. Emiliana Agius (BRAZIL)**
Towards the running of the children's day care centre and providing them with educational material. €1,500

3. **Bro. John Cassar (KENYA)**
Towards providing assistance with school fees, uniforms and text books to 45 students. €1,500

4. **Mr. James Borg (INDIA)**
Towards the refurbishment of the seminary and the construction of a new library. €1,500

5. **Ms. Rose Mallia (COLUMBIA)**
Towards providing clothes, food and accommodation to the 15 girls in her care. €1,500

6. **Mr. Carmel Camilleri (ALBANIA)**
Towards the running of a school and the provision of basic needs to youths. . €1,500

7. **Msgr. Peter Baldacchino (BRITISH WEST INDIES)**
Towards pastoral work, the provision of basic needs and the running of a Catholic school. €1,500

8. **Sr. Francis Farrugia (PAKISTAN)**
Towards the formation of seminarians and the provision of safe drinking water. €1,500

9. **Sr. Joan Borg (ISRAEL)**
Towards the running of a retreat centre. €1,500

10. **Sr. Valerie Borg (ISRAEL)**
Towards the running of a hospital. €1,500

11. **Sr. Mary Carmen Busuttil (EGYPT)**
Towards providing literacy classes for adults and the running of a student hostel for 10 students attending a university. €1,500

12. **Sr. Anne Catania (PHILIPPINESS)**
Towards the running of a feeding programme for pre-school children and the provision of help to pregnant mothers and their babies. €1,500

13. **Sr. Ilaria Schiavone (PAKISTAN)**
Towards the running of a hostel for 75 young girls. €1,500

14. **Sr. Mary Cini (PHILIPPINES)**
Towards paying school fees for' displaced children and helping their families financially. €1,500

15. **Fr. Ivan Attard (ALBANIA)**
Towards assisting the poor families, especially the sick and the disabled, with medical

and educational help. €1,500



**16. Fr. Jose Sciberras (BRAZIL)**
Towards running a social centre for abandoned children, victims of violence and orphans. €1,500

**17. Fr. Albert Gauci (HONDURAS)**
Towards the running of a kindergarten and a parish clinic for street children. €1,500

**18. Fr. Frank Tabone Adami (BRAZIL)**
Towards providing food and clothing to the unemployed and the sick. €1,500

**19. Rev. John Mary Cauchi (BRAZIL)**
Towards pastoral work among poor children and their families. €1,500

**20. Ms. Miriam Bugeja (PAKISTAN)**
Towards the help given to destitute people. €1,500

**21. Ms. Mary Josephine Buhagiar (SOUTH AFRICA)**
Towards providing food and clothes to poor families. €1,500

**22. Sr. Mary Borg (ISRAEL)**
Towards the help given to poor families. €1,500

**23. Sr. Dolores Gauci (PAKISTAN)**
Towards the running of an institute for orphans and providing basic needs to the poor. €1,500

**24. Ms. Giuliana Taliana (INDIA)**
Towards organizing an interreligious congress in India. €1,500

**25. Ms Anna Maria Attard (INDIA)**
Towards the residential formation programme for 100 youths. €1,500

**26. Fr. Hilary Abela (KENYA)**
Towards the provision of education to children coming from poor families. €1,500

**27. Fr. Alfred Mercieca (BOLIVIA)**
Towards running a home for abandoned, poor and under privileged children. €1,500

**28. Bro. Carmel Muscat (INDIA)**
Towards building a new seminary. €1,500

**29. Sr. Mary Zarb (ALGERIA)**
Towards providing basic needs to poor families and children. €1,500

**30. Sr. Concetta Dimech (TUNESIA)**
Towards helping the poor with medical expenses and school fees. €1,500

**31. A missionary (INDIA)**
Towards the printing of the spiritual literature, for distribution. €1,500

| | |
|---|---|
| Proġett Tama 2011 (Sr. M. Borda + other donations in Tanzania) | €166,233 |
| Proġett Tama 2011 (Fr. A. Grech + other donations in Guatemala) | €68,000 |
| Donations from 01.01.2011 – 31.12.2011 | €147,100 |
| Donations from 1984 – 2011 | € **3,149,710** |

## F*IGOLLI:*

*Bħal kull sena, għal fund raising ser ikollna figolli li ser jinbiegħu* ***€6.00*** *il-waħda. Tistgħu tordnaw mill-uffiċċju fuq Tel no. 2141 3664, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-09.00 sas-13.00 jew lil Therese Gatt fuq Tel. no. 2143 3469 / 9922 6253.*

## L*AQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2012:*

*Il-Laqgħa Ġenerali Annwali ser issir* fis– **6 ta' Mejju,** ***2012***. *F'din il-laqgħa, fost affarijiet oħra ssir elezzjoni għall-membri ta' Kumitat ġdid għal sentejn, kif ukoll jinqraw u jiġu approvati r-Rapport Amministrattiv u r-Rapport Finanzjarju għas-sena li għada kemm għaddiet. Inħabbrulkom il-kumitat il-ġdid fil-ħarġa li jmiss.*

## T*OUR* ( A ) :



***Inżuru: Ruma, San Giovanni Rotondo, Pietrelcina, Monte Cassino u Lanciano.***

***Mit- 23 sat- 28 ta' Mejju, 2012*** ***Prezz: Minn € 695.00***

(Prezz jinkludi titjira mal-Air Malta għal Ruma u lura / Akkomodazzjoni H/B fl' lukandi 3 *star,* eskursjonijiet u trasferiment kollha, kif ukoll servizz ta' *Tour leader* u direttur spiritwali.)

**23 - 25 ta' Mejju** - Nitilqu fit-08.35 fuq titjira tal-Air Malta KM612 li twassalna fl-ajruport ta' Fiumicino f'Ruma fl-10.00. Nagħmlu waqfa f'Monte Cassino u mmorru lejn San Giovanni Rotondo. Il-Ġimgħa 25 ta' Mejju huwa għeluq snin Padre Pio u jkollna eskursjoni ta' jum sħiħ għal Pietrelcina, fejn twieled u trabba Padre Pio. Ikollna ċans nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoniet għall-din il-ġurnata speċjali.

**26 - 28 ta' Mejju** - Is-Sibt nitilqu bil-kowċ tagħna lejn Ruma u fi triqitna nagħmlu waqfa f'Lanciano. Mal-wasla tagħna f'Ruma, wara iċ-*check in* fil-lukanda u ftit mistrieħ, noħorġu mat-tour leader u ngawdu l-atmosfera ta' bil-lejl f'Ruma. Inqattgħu jumejn Ruma u fid-21.00 nitilqu lura lejn pajjiżna fuq titjira KM615 li twassalna Malta fl-22.25.

## T*OUR* ( B ) :

**Inżuru: Lourdes Mis-6 sat-12 ta' Lulju, 2012**

Prezz: minn €550 li jinkludi Titjira + akkomodazzjoni Full Board u t-transfers.

- **Għal booking u aktar informazzjoni ċemplu l-Mission Fund Tel: 21413664. Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-09.00 sas-13.00 jew lis-Sur Charles Decelis 21575351 / 99885078.**

N*EWSLETTER:* *Nixtiequ xi helpers biex iqassmu din in-newsletter fid-djar fl-irħula tagħhom. B'hekk inkunu nistgħu niffrankaw xi ftit mill-bolol. Kull min jixtieq jgħin għandu jċempel l-uffiċċju biex nagħtuh iżjed dettalji.*

N*EWSLETTER FUND:* *Bħal kull sena, qed niġbru donazzjoni ta' lanqas €3.00, għall-ispejjeż ta' din in-Newsletter. Jekk jogħġobkom immarkaw l-envelop tad-donazzjoni għal dan l-iskop, jiġifieri 'Newsletter Fund'. Din id-donazzjoni mhix obbligatorja. Min ma jibgħatiex xorta jibqa' jirċievi n-Newsletter imma bl-għajnuna tagħkom tkunu qed ittaffu xi ftit l-ispejjez tagħna. Grazzi.*

# *B A Z A A R S*

**GARAXX NRU. 27, TRIQ STA. MARGERITA, MOSTA**
KULL NHAR TA' HAMIS BEJN ID-09.15 – 12.00

**GARAXX 'ST. JOSEPH', TRIQ IL-GUMMAR, B'KARA**
KULL NHAR TA' TLIETA U L-ERBGHA BEJN ID-09.15-13.00 U 16.15 - 19.00

***GĦAL-BEJGĦ:*** Stand kbir galvanizzat għal arrangamenti tal-fjuri, video camera u affarijiet oħra. Ċempel 21809608.

**IRĊEVUTI TAL-VAT:**

Bi pjaċir inħabbru li permezz tal-irċevuti tal-VAT li nirċievu mingħandkom, il-Mission Fund rebaħ is-somma sabiħa ta' €11,647, għal darbtejn fuq xulxin. Inħeġġukom li tibgħatulna l-irċevuti mhux immarkati, b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjunarji. Nirringrazzjakom u l-helpers li joqogħdu jittimbraw dawn l-irċevuti f'isem il-Mission Fund. Grazzi.

**QUDDIESA GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA:**

Kull xahar matul is-sena, fil-knisja ta' **San Franġisk il-Ħamrun** ser issir quddiesa għall-erwieħ tal-qraba tal-benefatturi tal-Mission Fund. Dan ser isir f'dawn il-ġranet li ġejjin:

12 ta' April (08.30), 3 ta' Mejju (18.30), 8 ta' Ġunju (18.30), 5 ta' Lulju (18.30), 2 ta' Awissu (18.30), 6 ta' Settembru (18.30), 5 ta' Ottubru (08.30), 1ta' Novembru (18.30) u 1 ta' Diċembru (18.30). Inħeġġu li kull min jista`, jattendi għal dan il-quddies.

Kull min jixtieq jibgħat xi donazzjoni għandu jimla l-formula t'hawn taħt flimkien ma' l-ismijiet tal-qraba u ħbieb mejtin u jibgħatilna. Dawn jiġu offruti fuq l-artal waqt il-quddiesa. Isir talb speċjali għal ruħhom, kemm fil-quddies li nagħmlu hawn Malta, kif ukoll f'dawk li jsiru għall-istess intenzjoni mill-Missjunarji li intom qegħdin tgħinu.

--------------------------------------------------- aqta` hawn ------------------------------------------------

MISSION FUND

Qiegħed nibgħat il-ħlas ta' € _____________ permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-MISSION FUND għal ruħ/erwieħ:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

ISEM U KUNJOM:_________________________________

INDIRIZZ:_____________________________________________

RAĦAL: ____________________KODIĊI POSTALI: _______________TEL:________________

Għeżież Ko-operaturi

**GRAND LOTTERY 2012** *(Direttur tal-Lottu Pubbliku numru 3/12).*

Il-Mission Fund qiegħed għal darb'oħra jorganizza Lotterija Kbira b'risq il-missjoni.

Din il-lotterija ser titla' minn raprezentant tal-Lottu Publiku nhar il-**Ħadd 26 ta' Awwissu 2012** f' Eureka Court, Blk A / Flt 6, Triq il-Kbira, MOSTA fl-10.00. Il-pubbliku ġenerali huwa mistieden jattendi għat-tlugħ ta' din il-lotterija.

Ġewwa dan l-envelope għandek issib pakkett biljetti li fih 25 biljett. Kull biljett jinbiegħ €0.25 biss u bħala turija ta'apprezzament tagħna ta'dak kollu li tagħmlu magħna, aħna qegħdin ngħatukom ĦAMES BILJETTI B'XEJN MA' KULL PAKKETT LI INTOM TBIEGĦU. Għalhekk aħna nkunu qed nistennew biss minn għandkom €5.00 GĦAL KULL PAKKETT.

Importanti li:-

1. Taraw li d-dettalji ta' dawk li jixtru l-biljetti jinkitbu ċar. Biljetti li jitħallew vojta u ma jimtlewx ma jiġux ikkonsidrati biex jipparteċipaw f'din il-lotterija.

2. Jekk tkunu tridu iżjed biljetti ċemplulna jew iktbulna.

3. Tibgħatu l-mamma tal-biljetti u l-flus sa mhux aktar tard mil-**23 ta' Awissu, 2012.**

4. Meta tibgħatu l-ħlas tagħkom dan għamluh biss permezz ta' *cheque* jew *money order* (li tinħareġ mill-Posta) pagabbli lill-**MISSION FUND.**

5. Jekk għal xi raġuni ma tixtiequx tbiegħu dawn il-biljetti ma jkun ġara xejn. Ibgħatuhomna lura.

6. Il-biljetti rebbieħa jridu jiġu ppreżentati lill-organizzaturi biex jingħataw ir-rigali.

F'kaz ta' xi diffikulta` ċemplulna (mid-09.00 sas-13.00 mit-Tnejn sal-Ġimgħa) jew iktbulna.

Dejjem tagħkom fi Kristu,

Charles Decelis
SEGRETARJU




**SKEMA SELF TA' FLUS:** Din hija skema fejn il-benefattur tagħna, minflok jagħtina donazzjoni, jsellifna somma flus (€500 minimu), l-imgħax fuq dan id-depożitu, flok imur għand il-benefattur, jgħaddi lill-Mission Fund.

Is-somma depożitata dejjem tibqa' dritt tal-benefattur, tant, li meta wieħed jkollu bżonn il-flus, dan għandu jinfurmana ftit ġranet qabel biex ngħadduhom lura (bla imgħax). Aħna dejjem nagħtu rċevuta/dokument uffiċċjali. Bis-saħħa tal-benefatturi li qed jipparteċipaw f'din l-iskema, aħna għandna s-somma sabiħa ta' €52,000 li tirrendielna imgħax tajjeb, sabiex inkunu nistgħu ngħinu lill-missjunari tagħna. Kull min hu nteressat f'din l-opra sabiħa jew jixtieq ikun jaf iżjed dettalji, għandu jikkuntattjana. Grazzi.